MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru. 1367/2011

Il-Pulizija
(Sp Jonathan Ransley)
vs
Dunstan Vella, iben Alfrred, imwieled ir-Rabat fit-8 ta' April, 1963, karta ta' l-identita numru 206863(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-10 ta' Novembru, 2011 għal ħabta tat-8.15 p.m. ġewwa in-Naxxar:
1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Tabone Ferrante skont kif iċċertifika Dr. Owen Mifsud, taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
2. ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Raymond Frendo skkont kif iċċertifika Dr. Owen Mifsud, taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;

3. ħebb għal Joseph Tabone Ferrante sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
4. volontarjament għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq nuċċali tal-vista għad-dannu ta' Joseph Tabone Ferrante, liema ħsara komplessiva ma tiskorriex l-€1,164.69 imma iżjed minn €116.47.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bħala reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali permezz ta' diversi sentenzi mill-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn il-partijiet infurmaw il-Qorti li huma ttransiġew il-meritu tar-raba' akkuża miġjuba kontra l-imputat. Il-partijiet jaqblu li l-ferita li ġarrab Joseph Tabone Ferrante hi ta' natura ħafifa u li Joseph Tabone Ferrqante u Raymond Frendo rispettivament qed jirrinunzjaw l-akkuża miġjuba kontra l-imputat.

Għaldaqstant, in vista ta' dawn id-dikjarazzjonijiet il-proċediment qed jiġi dikjarat ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------